MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru 25/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***kontra***

**Daniel Lanzon**

**Il-Qorti :**

**1.** Dan hu appell prezentat mill-akkuzat fl-14 ta` April 2010 fejn talab ir-revoka ta` sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fid-9 ta` April 2010 fejn din cahdet l-eccezzjoni tieghu dwar l-ammissibilita` ta` provi li l-Avukat Generali

ghandu l-hsieb li jgib `il quddiem. L-eccezzjoni (immarkata bin-numru 7 fin-nota tas-6 ta` Awissu 2009) kienet l-unika li zamm l-akkuzat mill-ghaxar eccezzjonijiet li kellu fil-bidu, wara li fl-udjenza quddiem il-Qorti Kriminali tat-2 ta` Frar 2010, permezz ta` l-avukat ta` fiducja tieghu, huwa kien rtira d-disa` eccezzjonijiet l-ohra.

**2.** Permezz ta’ Att ta’ Akkuza prezentat mill-Avukat Generali fil-25 ta` Gunju 2009 (Nru 25/2009), l-appellant Daniel Lanzon kien akkuzat : talli fis-6 ta` April 2003 ghall-habta tas-6.00 p.m., gewwa d-dar ta` abitazzjoni nru.81, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, dolozament bil-hsieb li joqtol lil Carmela Cachia, persuna anzjana li dakinhar kellha sitta u sebghin (76) sena jew li jqieghed il-hajja taghha f`perikolu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu (l-ewwel kap) ; talli fl-istess zmien u cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta` l-Att ta` Akkuza, ghamel tentattiv ta` serq, ikkwalifikat bil-vjolenza ghax sar flimkien ma` tentattiv ta` omicidju, u bil-valur li jiskorri l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tal-akkuzat (it-tieni kap) ; talli fi zminijiet ohra u minn postijiet ohra, ikkommetta serq ta` oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin, u sar b`diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti b`rizoluzzjoni wahda u bi ksur ta` l-istess disposizzjoni tal-ligi (it-tielet kap).

**3.** L-eccezzjoni ta` l-akkuzat taqra hekk –

*Bla pregudizzju ghall-generalita` tal-eccezzjoni precedenti l-inammissibilita` tar-ritratt riprodott fl-imsemmija relazzjoni in kwantu ma hemm l-ebda nomina biex jaghmel hekk, kif ukoll l-inammissibilita` tal-konkluzjonijiet tieghu, peress li huma principalment jikkostitwixxu documentary hearsay.*

**4.** Fis-sentenza taghha tad-9 ta` April 2010, il-Qorti Kriminali *inter alia* qalet hekk -

*L-imsemmi Dott. Mario Scerri kien gie nominat mill-Magistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-in genere (ara fol. 1 tal-proces-verbal a fol. 24) bhala "Espert Forensiku" – nomina li timplika li huwa kellu jaghmel dak kollu li l-professjoni u s-sengha ta' perit mediko-legali tirrikjedi li jsir (ara passim is-sentenza tal-bierah ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Vella**). Issa, ma hemmx dubbju li fost l-affarijiet li perit mediko-legali ghandu jaghmel hu li jezamina l-allegata vittma u jiddeskrivi l-offizi li rriskontra (u li jistghu jigu wkoll spjegati permezz ta' ritratti), kif setghu saru, u jghid x'jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' tali offizi; jezamina r-records ta' l-isptar; u, jekk ikun hemm bzonn, anke jikseb informazzjoni minghand haddiehor, basta li tigi osservata d-disposizzjoni tal-Artikolu 653(3) tal-Kap. 9. Perit medikolegali ghandu wkoll, f'kaz li jkun hemm persuna suspettata li seta' kellha x'taqsam fl-incident de quo, jezamina lil din il-persuna biex jara, fost affarijiet ohra, jekk kellhiex xi offizi li possibilment setghu sehhew fil-kors ta' xi kolluttazzjoni; u anke biex jara jekk hemmx xi "tracci" ohra (ez. demm jew body fluids) li jorbtu jew jikkonnettu lil dik il-persuna l-ohra mal-allegata vittma. Huwa proprju ghalhekk li minn fol. 62 il-quddiem hemm l-ezami medikolegali tal-akkuzat, allura suspettat. Ir-ritratt tal-akkuzat a fol. 63 huwa intiz bhala mezz ta' identifikazzjoni. Jekk waqt dan l-ezami s-suspettat ghazel li jghid xi haga lill-perit nominat – anke jekk dan sar wara xi mistoqsija li l-perit ikun ghamel ghalbiex jespleta l-inkarigu tieghu – dan ma jirrendix it-twegiba inammissibbli bhala prova. Ma hemm xejn fir-relazzjoni msemmija li hu inammissibbli jew li jammonta ghal "documentary hearsay".*

**5.** Fir-rikors ta' appell, l-akkuzat jissottometti li l-espert Dr. Mario Scerri kien nominat sabiex jipprezenta relazzjoni dwar il-feriti li garrbet il-mara li kienet involuta fl-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri. Jissottometti li kull espert

huwa tenut li jwettaq l-inkarigu tieghu fil-parametri tal-istess inkarigu, mhuwiex intitolat jeccedi dak l-inkarigu u ghalhekk jekk jaghmel hekk, kull ghemil tieghu li jmur barra mill-parametri tal-inkarigu,  ma jistax jitqies bhala wiehed li jaghmel parti minn dak l-inkarigu.  Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, l-akkuzat isostni li bil-fatt li l-espert ha ritratti tal-mara u tal-akkuzat u annettihom mar-relazzjoni tieghu, li llum taghmel parti mill-atti processwali, huwa mar oltre l-inkarigu tieghu ghaliex fin-nomina tieghu ma kienx awtorizzat jiehu ritratti.  Ghalhekk dawk ir-ritratti ghandhom jitqiesu bhala mhux ammissibbli bhala prova.

**6.** Wara li rat l-atti processwali, u wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta` Settembru 2011, din il-Qorti tghid hekk –

a) Mill-*proces verbal* tal-11 ta` April 2003 (a fol 24) jirrizulta li Dr. Mario Scerri MD kien nominat mill-Magistrat Inkwirenti bhala espert forensiku.

b) Bhala parti integrali tar-relazzjoni ta` Dr. Mario Scerri, li hija esebita a fol 42 tal-atti tal-istruttorja, hemm annessi erbatax (14) –il ritratt : tlettax (13) li juru lill-vittma bil-feriti li garrbet u wiehed (1) tal-akkuzat.

u cioe` ezami medikolegali fuq il-persuna ta` Carmela Cachia u konstatazzjonijiet forensici relevanti

c) Fir-relazzjoni tieghu (ara fol 44), l-espert jispecifika li huwa kien mahtur sabiex jezamina, jaghmel il-konstatazzjonijiet forensici relevanti u jirrelata dwar griehi li garrbet l-anzjana Carmela Cachia, meta allegatament kienet imsawta fid-dar tar-residenza taghha 81, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, fis-6 ta` April 2003.

d) Parti mir-relazzjoni (a fol 62) tittratta l-ezami medikolegali ta` Daniel Lanzon li huwa deskritt bhala l-allegat aggressur. U jinghad hekk –

*Fuq ordni tal-istess Qorti l-esponent acceda fl-ufficcju tal-Ispettur Michael Mallia fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Furjana nhar is-6 ta` April fl-10.50 p.m. ;*

*Illi prezenti kien hemm Daniel Lanzon bin Alexander u Carmen nee` Cefai mwieled Tal-Pieta` nhar it-30 ta` Settembru 1985 residenti 144, Triq Matti Grima Bormla u li ghandu n-numru tal-karta tal-identita` 567485M (ara ritratt numru 14) ;*

*Illi l-esponent spjega lil Lanzon li kien hemm il-htiega li dan jigi ezaminat forensikament u spjegalu wkoll li dak kollu li jirrizulta mill-imsemmi ezami jkun irrappurtat bil-miktub lill-Qorti ;*

*Illi Lanzon fehem din it-twissija u ta l-kunsens bil-miktub fil-presenza tal-Ispettur Mallia ghall-imsemmi ezami u sabiex tittiehed dik il-fotografija u dawk il-kampjuni necessarji ghall-iskopijiet forensici ;*

*Illi l-esponent gie moghti kunsens ukoll minn Fr. Mark Montebello li ghandu care order u li hu risponsabbli ghal Lanzon (Ara Dok M.S. 1)*

e) L-argument ta` l-akkuzat huwa li bil-fatt li l-espert ha ritratti tal-mara u tal-akkuzat u annettihom mar-relazzjoni tieghu huwa mar oltre l-inkarigu tieghu ghaliex fin-nomina tieghu ma kienx awtorizzat jiehu ritratti. Ghalhekk dawk ir-ritratti ma kellhomx jitqiesu ammissibbli bhala prova.

f) Din il-Qorti tghid li dan l-argument tal-akkuzat huwa fattwalment u legalment insostenibbli. Dr. Mario Scerri kien mahtur sabiex jaghmel accertamenti medikolegali fl-ambitu tal-inkjesta li fiha kien nominat bhala espert forensiku. It-tlettax (13) –il ritratt li ttiehdu minn Dr. Scerri tal-persuna tal-vittma bil-feriti li garrbet jaghmlu parti

integrali mit-twettieq tal-inkariku li kellu. Sabiex jiehu dawk ir-ritratti, propju ghaliex kienu relatati u rilevanti ghall-accertamenti li kien inkarikat illi jaghmel, ma kienx mehtieg minnu illi jitlob permess jew addirittura li jinghata inkariku *ad hoc* mill-Magistrat Inkwirenti. Lanqas ma kien mistenni mill-espert li sabiex jiehu dawk ir-ritratti isejjah lis-*scene of crime officers* li kienu mahtura mill-Magistrat Inkwirenti. Ir-ritratti li ha l-espert ma kinux jesigu kompetenza, sengha jew hila partikolari fil-fotografija (ara s-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fil-25 ta` Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta` Malta v. John Borg*"). Rilevanti kien biss il-fatt li dawk ir-ritratti kienu qeghdin jittiehdu ghaliex kienu parti mit-twettieq tal-inkariku li kellu Dr. Scerri. L-istess ragunament ighodd fil-kaz tal-erbatax (14) –il ritratt u cioe` dak tal-akkuzat. Dr. Scerri kellu bilfors jaghmel process ta` identifikazzjoni tal-akkuzat bhala l-persuna li kienet sejra tigi ezaminata forensikament u allura ghall-fini tal-inkariku li kellu l-espert. Anke hawn it-tehid tar-ritratt *ut sic* tal-akkuzat ma kienx jesigi hila partikolari. Kemm fil-kaz tal-vittma kif ukoll tal-akkuzat, ir-ritratti ttiehdu mill-espert stess, mhux biss bhala parti mill-ezekuzzjoni tal-inkariku tal-espert, izda wkoll sabiex jibqa` registrat stat ta` fatt ezistenti fil-mument li ttiehdu. Ghalhekk anke f`dan il-kuntest ma kien hemm l-ebda htiega min-naha tal-espert li jitlob awtorizzazzjoni *ad hoc* mill-Qorti sabiex jiehu dawk ir-ritratti.

g) L-aggravju tal-akkuzat qieghed jigi respint.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------